



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għall-Baġits*

---

**2013/0087(COD)**

24.5.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Baġits

għall-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iffissar ta' rata ta' aġġustament għal pagamenti diretti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2013 (COM(2013)0159 – C7-0079/2013 – 2013/0087(COD))

Rapporteur: Giovanni La Via

PA\_Legapp

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Waqt it-tfassil tal-Abbozz ta' Baġit għall-2014, l-ewwel estimi tal-baġit għall-pagamenti diretti u n-nefqa marbuta mas-suq urew li s-sottolimitu massimu taħt l-Intestatura 2 għas-sena finanzjarja 2014, wara t-trasferimenti finanzjarji bejn il-FAEG u l-FAEŻR, aktarx li se jinqabeż. B'konsegwenza ta' dan, il-livell ta' pagamenti diretti għandu jitnaqqas biex jitħares il-limitu massimu.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta biex tiġi stabbilita r-rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti fir-rigward tas-sena kalendarja 2013, li għandha tiġi adottata mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill sat-30 ta' Ġunju 2013 skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 kif emendat permezz tar-Regolament (UE) Nru 671/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>. Madankollu, jekk din ir-rata ta' aġġustament ma tkunx ġiet stabbilita sat-30 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni se tistabbilixxi dik ir-rata skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni.

Il-kalkolu tar-rata ta' aġġustament tad-dixxiplina finanzjarja hija parti mit-tnejn tal-Abbozz ta' Baġit għall-2014 biex jiġi mħares is-sottolimitu massimu għan-nefqa marbuta mas-suq u l-pagamenti diretti taħt l-Intestatura 2 għas-sena finanzjarja 2014, wara t-trasferimenti finanzjarji bejn il-FAEG u l-FAEŻR, stipulati fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (7/8 ta' Frar 2013) dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Skont il-Konklużjonijiet, ir-riżerva għall-kriżijiet hija inkluża taħt l-Intestatura 2 u se tiġi stabbilita billi jiġi applikat, fil-bidu ta' kull sena, tnaqqis fil-pagamenti diretti bil-mekkaniżmu ta' dixxiplina finanzjarja.

L-ewwel estimi tal-appropriazzjonijiet tal-baġit għall-għajnuniet diretti u n-nefqa marbuta mas-suq urew il-bżonn li jitnaqqas l-ammont totali ta' pagamenti diretti li jistgħu jingħataw lill-bdiewa fir-rigward tas-sena kalendarja 2013 b'EUR 1471.4 miljun permezz tad-dixxiplina finanzjarja biex jiġi rispettata is-sottolimitu massimu għas-sena finanzjarja 2014 stipulat fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (7/8 ta' Frar 2013) dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, imnaqqas bl-ammonti disponibbli għall-FAEŻR skont l-Artikolu 10(b) u l-Artikolu 136 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 u l-Artikolu 52 tal-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament (UE) li jistabbilixxi regoli għall-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni. It-tnaqqis fid-dixxiplina finanzjarja jinkludi wkoll EUR 424.5 miljun meħtieġa sabiex tiġi stabbilita r-riżerva għall-kriżijiet.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(2) Il-previżjonijiet għall-pagamenti diretti u n-nefqa marbuta mas-suq determinati fil-preparazzjoni tal-Abbozz tal-Baġit tal-2014 juru li l-limitu massimu annwali għall-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) fir-rigward tas-sena finanzjarja 2014 aktarx li jkun maqbuż meta wieħed jikkunsidra l-bżonn li tiġi stabbilita r-riżerva għall-kriżijiet imsemmija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew (7/8 ta' Frar 2013) dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Għaldaqstant, għandha tiġi determinata rata ta' aġġustament għall-pagamenti diretti elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 73/2009.*

*Emenda*

*(2) Fl-istennija tal-adozzjoni ta' regolament li jstabilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali abbażi tal-Artikolu 312(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-livell tal-limitu massimu applikabbli għas-sena 2014 għadu mhuwiex ċert. Sakemm ikun hemm ċarezza dwar il-livell tal-limitu massimu applikabbli, għadu mhux possibbli jiġi determinat jekk huwiex neċessarju aġġustament tal-pagamenti diretti għall-2013, u jekk dan ikun il-każ, x'se tkun ir-rata. L-ammont ta' dixxiplina finanzjarja meħtieġa għandha tiġi riveduta mill-awtorità baġitarja fil-qafas tal-adozzjoni tal-Baġit 2014 abbażi fost l-oħrajn tal-Ittra ta' Emenda għall-Abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-2014, fejn il-Kummissjoni tipprovdi ħtiġijiet stmati aġġornati dwar l-infiq relatat mas-suq u l-pagamenti diretti.*

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(4) Il-mekkaniżmu tad-dixxiplina finanzjarja, flimkien mal-modulazzjoni, kien introdott mar-riforma tal-PAK tal-2003. Iż-żewġ strumenti provdew għattnaqqis lineari tal-ammont ta' pagamenti*

*Emenda*

*(4) Il-mekkaniżmu tad-dixxiplina finanzjarja kien introdott mar-riforma tal-PAK tal-2003. L-istrument ipprova għattnaqqis lineari tal-ammont ta' pagamenti diretti li għandhom jingħataw lill-bdiewa.*

diretti li għandhom jingħataw lill-bdiewa. *Waq t li ġew meħudin inkonsiderazzjoni l-implikazzjonijiet tad-distribuzzjoni inekwa tal-pagamenti diretti bejn benefiċjarji żgħar u kbar, ġiet applikata modulazzjoni għal ammonti li jaqbżu l-EUR 5000 biex tiġi miksuba distribuzzjoni iktar bilanċjata tal-pagamenti. Fir-rigward tas-sena kalendarja 2013, l-aġġustament tal-pagamenti diretti msemmija fl-Artikolu 10(a) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 jibqa' jipprovi għall-istess eżenzjoni bħall-modulazzjoni. Id-dixxiplina finanzjarja għandha tiġi applikata b'mod simili biex tikkontribwixxi biex jintlaħaq l-għan li jkun hemm distribuzzjoni iktar bilanċjata tal-pagamenti; għaldaqstant, huwa xieraq li jiġi provdut biss għall-applikazzjoni tar-rata ta' aġġustament meta l-ammonti jeċċedu l-EUR 5000.*

Id-dixxiplina finanzjarja għandha tiġi applikata b'mod *li jiżgura trattament indaqs tal-bdiewa kollha*, għaldaqstant huwa xieraq li jiġi provdut għall-applikazzjoni tar-rata ta' aġġustament *għall-ammonti kollha*.

### Emenda 3 Proposta għal regolament

#### Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-ammonti ta' pagamenti diretti fis-sens tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 li għandhom jingħataw lil bidwi *fl-eċċess ta' EUR 5000* għall-applikazzjoni ta' għajjnuna sottomessa fir-rigward tas-sena kalendarja 2013 għandhom jitnaqqsu b'**4.981759** %.

*Emenda*

1. L-ammonti ta' pagamenti diretti fis-sens tal-Artikolu 2(d) tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 li għandhom jingħataw lil bidwi għall-applikazzjoni ta' għajjnuna sottomessa fir-rigward tas-sena kalendarja 2013 għandhom jitnaqqsu b'[xxx] % ("*ir-rata ta' aġġustament*").

#### *Ġustifikazzjoni*

*B'konformità mad-deċiżjoni dwar il-ftuħ u l-mandat tan-negozjati interistituzzjonali dwar il-pagamenti diretti lill-bdiewa skont skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-PAK - 2011/0280(COD), li tippredvi tnaqqis lineari tal-pagamenti diretti kollha bl-applikazzjoni tad-dixxiplina finanzjarja, u bl-għan li l-benefiċjarji u l-Istati Membri kollha jiġu trattati ndaqs, id-dixxiplina finanzjarja għandha tapplika għall-pagamenti diretti kollha fis-sena 2013. B'hekk ir-rata ta' aġġustament applikabbli se titnaqqas kif xieraq u għandha tiġi stabbilita ladarba jkun intlaħaq ftehim finali dwar il-QFP bejn il-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew.*

**Emenda 4**  
**Proposta għal regolament**

**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 1 u 2 huma adottati mingħajr ħsara għall-adozzjoni sussegwenti tar-Regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 u l-ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u amministrazzjoni finanzjarja tajba.*

*Fil-każ li tkun meħtieġa korrezzjoni tar-rata ta' aġġustament definita fil-paragrafu 1 b'konsegwenza tal-adozzjoni tar-Regolament imsemmi qabel u l-Ftehim Interistituzzjonali, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex tiġi stabbilita rata ta' aġġustament ġdida.*

*L-ammont ta' dixxiplina finanzjarja meħtieġa għandha tiġi riveduta mill-awtorità baġitarja fil-qafas tal-adozzjoni tal-Baġit 2014 abbażi fost l-oħrajn tal-Ittra ta' Emenda għall-Abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-2014, fejn il-Kummissjoni tipprovdi ħtiġijiet stmati aġġornati dwar l-infiq relatat mas-suq u l-pagamenti diretti.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 1 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1b. F'każ li ma jintlaħaqx qbil dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2014-2020, m'għandha tapplika l-ebda dixxiplina finanzjarja għas-sena 2014, billi l-*

*ammont totali għandu jiġi kkalkolat  
abbażi tal-limitu massimu tal-2013  
flimkien ma' deflatur ta' 2 %.*

## PROĊEDURA

<b>Titlu</b>	Rata ta' aġġustament għal pagamenti diretti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tas-sena kalendarja 2013
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0159 – C7-0079/2013 – 2013/0087(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AGRI 16.4.2013
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 16.4.2013
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Giovanni La Via 15.4.2013
<b>Data tal-adozzjoni</b>	16.5.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 25 -: 1 0: 4
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marta Andreasen, Zuzana Brzobohatá, Jean-Luc Dehaene, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Jens Geier, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Ivailo Kalfin, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, George Lyon, Jan Mulder, László Surján, Angelika Werthmann, Jacek Włosowicz
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	María Muñoz De Urquiza, Paul Rübig, Peter Šťastný, Nils Torvalds
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Inés Ayala Sender, Albert Deß, Carlos José Iturgaiz Angulo, Andrey Kovatchev, Elisabeth Köstinger, Petri Sarvamaa